

## IT-TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU

### Rikors ippreżentat fit-28 ta' Novembru 2011 — ZZ vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-126/11)

(2012/C 174/49)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

#### Partijiet

Rikorrent: ZZ (rappreżentant: M. Boury, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

#### Suġġett

It-talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra safejn din timponi sanzjoni dixxiplinari fil-forma ta' ċanfira fir-rigward tar-rikorrent.

#### Talbiet tar-rikorrent

- jannulla d-Deċiżjoni AIPN CMS 10/038 li timponi sanzjoni ta' ċanfira fir-rigward tar-rikorrent, kif ukoll id-Deċiżjoni AIPN Nru R/393/11 li kkonfermat l-ewwel waħda;
- jikkonstata li s-sanzjoni ta' ċanfira li ġiet imposta mill-Awtorità tal-Ħatra fir-rigward tar-rikorrent mingħajr il-produzzjoni ta' provi validi ta' atti ta' fastidju allegatament imwettqa minnu u mingħajr investigazzjoni indipendenti, imparzjali u ekwa li tippermetti li tiġi stabbilita r-realtà u l-verità tal-allegati atti ta' fastidju li twettqu mir-rikorrenti fil-konfront tal-kollega tiegħu, hija sanzjoni diskrezzjonali li tikkostitwixxi att ta' diskriminazzjoni min-naħa tal-Awtorità tal-Ħatra fil-konfront tar-rikorrent;
- jikkonstata li matul dan il-każ ir-rikorrent ssubixxa preġudizzji morali u materjali serji u li, minħabba dan il-fatt, għandu dritt jikseb kumpens għall-dawk l-istess preġudizzji. Dawk il-preġudizzji għandhom jiġu evalwati skont kriterji li għandhom jiġu stabbiliti mit-Tribunal;
- jikkonstata li, b'mod partikolari, matul dan il-każ u preċedentement, ir-rikorrent safa' vittima ta' ksur gravi tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem, tad-drittijiet li jirriżultaw mit-

Trattati, mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u mill-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u li, minħabba dan il-fatt, għandu dritt jikseb kumpens għall-dak l-istess ksur, li għandu jiġi evalwat mit-Tribunal.

### Rikors ippreżentat fid-29 ta' Marzu 2012 — ZZ vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-28/12)

(2012/C 174/50)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

#### Partijiet

Rikorrent: ZZ (rappreżentant: G. Cipressa, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

#### Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża

L-annullament tad-deċiżjoni implícita li tiċħad it-talba tar-rikorrent, l-ewwel nett, sabiex titħassar sentenza mir-rapport mediku datat it-28 ta' Frar 2008, it-tieni nett, sabiex jintbagħat l-imsemmi rapport ikkoreġut f'dan is-sens lit-tabib magħżul mir-rikorrent, u t-tielet nett, sabiex titħassar, b'mod ġenerali, mill-fajl tal-inċident fuq ix-xogħol tar-rikorrent, kull informazzjoni li tikkonċerna l-fatt, liema fatt ir-rikorrent jallega li ma huwiex minnu, li t-trab li r-rikorrent kellu kuntatt miegħu finalment irriżulta li kienu trabijiet bojod ta' kopja ta' ġurnal li r-rikorrent kien abbonat għalih.

#### Talbiet tar-rikorrent

- jannulla d-deċiżjoni li tiċħad it-talbiet tar-rikorrent magħmula fit-23 ta' Diċembru 2010;
- *quatenus oportet*, jannulla d-deċiżjoni li tiċħad l-ilment tal-10 ta' Lulju 2011 mid-deċiżjoni ta' każda tat-talbiet tar-rikorrent magħmula fit-23 ta' Diċembru 2010;
- jikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.